REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/808

tal-5 ta' April 2023

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Jixraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dak il-perjodu jenħtieġ li jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' April 2023,

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Evaporatur (“atomizzatur”) riutilizzabbli (li jista’ jerġa’ jimtela), għal sigarett elettroniku, li jikkonsisti fi: — bażi b’fetħa għar-regolazzjoni tal-arja u konnettur għall-konnessjoni mal-apparat tal-provvista tal-elettriku (mhux ippreżentat mal-atomizzatur), — ħiter b’wajer tal-metall u qoton, — kontenitur tal-ħġieġ, u — bokkin. L-atomizzatur jiġi ppreżentat mingħajr likwidu elettroniku. L-atomizzatur huwa konness mal-apparat tal-provvista tal-elettriku permezz ta’ konnettur bil-kamin li jistabbilixxi wkoll il-konnessjoni elettrika. L-elettriku fornut isaħħan il-wajer tal-ħiter li mbagħad isaħħan u jivvaporizza l-likwidu elettroniku. Dan jipproduċi raxx tal-fwar li l-utent jiġbed man-nifs. (Ara l-istampa) (*)	8543 40 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata skont ir-regoli ġenerali 1, 2(a) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (GIR), u skont il-kliem tal-kodiċijiet NM 8543 u 8543 40 00. Għalkemm l-atomizzatur huwa adattat għall-użu ma’ sigarett elettroniku biss, il-klassifikazzjoni taħt il-kodiċi NM 8543 90 00, bħala parti mis-sigarett elettroniku, hija eskluża peress li l-atomizzatur huwa assemblaġġ ta’ partijiet tant avvanzat li diġà għandu l-karatteristiċi essenzjali tal-oġġett komplut, is-sigarett elettroniku (ara wkoll in-Nota ta’ Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata tat-Taqsima XVI, Ġenerali, (IV) Magni mhux kompluti). B’mod aktar speċifiku, l-atomizzatur jinkludi l-elementi kollha neċessarji biex jitwettqu l-funzjonijiet li għalihom huwa ddisinjat sigarett elettroniku, jiġifieri, li jsaħħan u jivvaporizza l-likwidu elettroniku, biex b’hekk l-utent ikun jista’ jiġbed ir-raxx tal-fwar, prodott mill-bokkin, man-nifs. Konsegwentement, għandu l-karattru essenzjali tal-oġġett komplut, u għalhekk għandu jitqies bħala sigarett elettroniku mhux komplut skont it-tifsira tal-GIR 2(a). Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 8543 40 00, bħala sigarett elettroniku.



(Minn isfel sa fuq: bażi, ħiter, kontenitur tal-ħġieġ, bokkin)

(*) L-istampa għandha tintuża biss għal raġunijiet ta’ informazzjoni.